IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

SETTEMBRU
1975

## EDITORJAL:

# Il-Kontribut tal-Membri Akkademiċi

*Fl-aħħar ħarġa ta' 'Il-Malti' fissirna l-idea u x-xewqat tagħna li l-membri akkademiċi juru aktar ħajja u iktar interess fl-attivitajiet tal-Akkademja, issuġġerejna li l-Kunsill jagħmel laqgħat apposta biex iqajjem dan l-interess għax bil-laqgħa ta' darba f'sentejn meta ssir l-elezzjoni ġenerali, l-interess ma jistax jibqa' ħaj wisq u dan jidher mill-attendenza aktarx fqira li jkun hemm.*

*Kif inhi s-sitwazzjoni llum wieħed isir membru billi japplika u l-Kunsill jagħraf li hu għamel xi ħidma għal-Malti u jaħtru membru. Hekk bħal speċi jkollu ċertifikat għal meta jista' jservih. Jeħtieġ skond l-idea tagħna li meta wieħed jidħol membru akkademiku jidħol f'għaqda ħajja li l-membri tagħha qed jaħdmu b'enerġija u interess sinċier għall-ideal li mħabba fih daħlu membri akkademiċi. L-interess ma għandux jieqaf malli wieħed isir membru bħallikieku issa ħa ċ-ċertifikat.*

*Fost il-membri akkademiċi hemm uħud li ftit jew xejn, u aktar xejn milli ftit, juru interess ħaj fil-ħidma tal-Akkademja jew tal-Malti nnifsu. Kemm huma dawk li qed iwettqu ħidma siewja għall-ideal tal-Akkademja bi studji u pubblikazzjonijiet? Jew li għall-inqas joffru kontribuzzjonijiet letterarji għal xi rivista Maltija biex ma ngħidux għal 'Il-Malti' li hu l-organu uffiċjali tal-Akkademja. Anzi xi membri li ppublikaw xogħlijiet bil-Malti anqas biss bagħtu kopja biex issiril-hom reċenzjoni fir-rivista tagħna biex ma ngħidu xejn li skond ir-regola 10 para, iii tal-Istatut tal-Akkademja huma għandhom jibagħtu żewġ kopji lill-arkivista biex jinżammu fil-librerija tal-Akkademja. Forsi jkun hemm minn jibża' li r-reċenzjoni f'Il-Malti' ma tagħtihx l-inċens kollu li jixtieq, għax ir-reċenzjonijiet isiru bir-reqqa u l-kritika magħmula min-nies tal-affari tagħhom wara li jgħarblu l-pubblikazzjoni u joħorġu kemm il-punti tajba kif ukoll dawk dgħajfa biex is-siwi letterarju jidher ċar.*

*Kif fissirna fil-ħarġa ta' xi sena ilu f' 'Il-Malti' l-kontribuzzjonijiet li jidhru ma jidhrux għax l-awtur ikun ta' livell jew mhux imma għax il-kitba, hi ta' min hi, ta' awtur imsemmi jew ta' wieħed li għadu jibda, tkun ta' livell xieraq għal 'Il-Malti'. Min ma jaċċettax dan il-prinċipju ikun mogħni bil-passjoni ta' adulazzjoni lejh innifsu. Il-livell ta' 'Il-Malti' jeħtieġ li jinżamm. Dan ma għandux joqtol l-interess ta' kittieba ġenwini u kapaċi imma għandu iqanqal fihom emulazzjoni serja u jħossuh bħala ġieh għalihom li l-kontribuzzjoni letterarja tagħhom dehret f' 'Il-Malti'.*

*L-interess tal-membri Akkademiċi nixtiequ narawh anki billi jieħdu sehem fil-laqgħat kulturali li l-Akkademja bi ħsiebha terġa' tibda dalwaqt bħal ma għamlet is-sena l-oħra. Nixtiequ naraw li l-membri jiġu u jiddiskutu quddiem il-pubbliku s-siwi letterarju taxxogħlijiet li jkunu ppreżentati ħalli l-pubbliku, u aktar u aktar l-istudenti, jagħrfu japprezzawh. Dan hu xogħol tassew fejjiedi li qed twettaq l-Akkademja u li nixtiequ li l-membri jikkooperaw fih. Is-suċċess li kellhom dawn il-laqgħat is-sena l-oħra kien ta' inkoraġġiment kbir għall-organiżżaturi hekk li offrew li jerġgħu jidħdu għax-xogħol din is-sena.*

---